Nru./No. 21,594
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 2 ta' Marzu, 2026
Monday, 2nd March, 2026

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Proklama tal-President ta' Malta 2309
Proclamation by the President of Malta *2309*

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 2310 - 2311
Government Notices ..... *2310 - 2311*

Avviżi tal-Qorti 2312
Court Notices *2312*

Anno Domini 2026 Nru. I

Proklama

MILL-AĠENT PRESIDENT TA' MALTA

(L.S.)

(Iff.) Helena Dalli
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President tkun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilha bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President hija assenti minn Malta;

U BILLI fit-28 ta' Frar, 2026, il-Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President tkun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 tal-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, HELENA DALLI, qiegħda hawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skont l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz, il-Belt Valletta, illum 28 ta' Frar, 2026.

B'Awtorità,

(Iff.) Robert Abela
Prim Ministru

Anno Domini 2026 No. I

Proclamation

BY THE ACTING PRESIDENT OF MALTA

(L.S.)

(Sd) Helena Dalli
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon her by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 28th day of February, 2026, the Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, HELENA DALLI, do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at the Palace, Valletta, this 28th day of February, 2026.

By Authority,

(Sd) Robert Abela
Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 306

ATT DWAR IL-KWARANTINA TAL-PJANTI, 2001 (KAP. 433)

Miżuri ta' Kontinġenza li qed jiġu implimentati fuq iż-Żoni tax-Xagħra u t-triq li tagħti lejn Marsalforn (Għawdex), sabiex jiġi kkontrollat il-Virus tat-Tristeża taċ-Ċitru (CTV)

B'REFERENZA għal Taqsima V (Trażżin u Eradikazzjoni ta' Organiżmi li Jagħmlu Ħsara lill-Pjanti) Artikolu 20 (1) tal-Att, l-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel tgħarraf illi:

1. L-akkwati tax-Xagħra u t-triq li tagħti lejn Marsalforn, Għawdex, qed jitqiegħdu taħt miżuri ta' kontinġenza minħabba ammont ta' siġar li ġew ikkonfermati infettati bil-Virus tat-Tristeża taċ-Ċitru (CTV). Dan il-virus qerriedi huwa ta' theddida għaċ-ċitru tal-Gżejjer Maltin.

2. Is-siġar infettati qed jiġu mmarkati b'marka ta' identifikazzjoni minn uffiċjali tal-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel sabiex dawn jinqerdu.

3. Persuni f'pussess ta' siġar infettati bis-CTV se jiġu infurmati bil-miktub mill-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel bil-ġurnata, data u ħin meta dawn is-siġar għandhom jinqerdu. Is-siġar infettati għandhom jinqerdu mis-sidien tagħhom fil-preżenza ta' Spetturi mill-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel, billi jinqalgħu mill-għeruq, jitqattgħu biċċiet u jinħarqu fuq il-post.

4. Kwalunkwe persuna, entità, awtorità jew entità legali responsabbli mill-proprjetà fejn jinstabu s-siġar infettati, għandhom javżaw l-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel jekk għandhom aktar siġar fil-pussess tagħhom.

5. Dawn il-persuni għandhom japplikaw perjodikament prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti biex jikkontrollaw l-afidi fuq is-siġar kollha taċ-ċitru li għandhom fil-pussess tagħhom fl-akkwati taħt kontingenza. Huma obbligati li jsegwu l-linji gwida li l-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel jista' jidhrilha meħtieġa li jintużaw.

6. Il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti użati biex jiġu kkontrollati l-afidi għandhom ikunu rreġistrati għall-użu fuq il-frott taċ-ċitru fil-Gżejjer Maltin.

GOVERNMENT NOTICES

No. 306

PLANT QUARANTINE ACT, 2001 (CAP. 433)

Contingency Measures laid down on the Areas of Xagħra and the Marsalforn route (Gozo) for the Control of Citrus Tristeza Virus (CTV)

WITH reference to Part V (Containment and Eradication of Plant Pests), Article 20 (1) of the Act, the Food Safety and Security Authority notifies that:

1. The areas of Xagħra and the Marsalforn route, Gozo, are being put under contingency measures due to several citrus trees confirmed infected with Citrus Tristeza Virus (CTV). This destructive virus is a threat to the citrus of the Maltese Islands.

2. Infected trees are to be marked by an identification tag made by officials from the Food Safety and Security Authority so that the trees are then destroyed.

3. Persons possessing CTV infected trees should be informed in writing by the Food Safety and Security Authority when these trees are to be destroyed. The infected trees must be destroyed by their owners on the date given by the Food Safety and Security Authority in the presence of Inspectors of the Authority, by uprooting, then cutting them into pieces and burning in a chosen place within the area of cultivation.

4. Any person, entity, authority or any other legal entity which is responsible for the property where infected trees are situated is obliged to inform the Food Safety and Security Authority of any other citrus trees in their possession.

5. These persons are to periodically apply plant protection products to control aphids on all citrus trees in their possession within the areas under contingency. They are obliged to follow guidelines which the Food Safety and Security Authority may deem necessary to use.

6. Plant protection products used for the control of aphids must be registered for use on citrus in the Maltese Islands.

7. Persuni li għandhom siġar infettati għandhom jiżguraw li l-prodotti maqtugħin minn dawn is-siġar jiġu ċċirkulati mingħajr weraq u zkuk.

8. L-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel se tibqa' tistħarreġ dawn l-akkwati taħt miżuri ta' kontinġenza għal perjodu ta' żmien sa tliet (3) snin.

9. L-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel tista' toħroġ linji gwida addizzjonali u iktar stretti sabiex tiġi evitata l-firxa ta' dan il-virus.

It-2 ta' Marzu, 2026

Nru. 307

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA (KAP. 372) U ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Avviż Skont Artikolu 29 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap. 372; u Artikolu 73(2) tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Kap. 406

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-Artikolu 29(1) tal-Att tal-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u/jew tal-Artikolu 73(2) tal-Att Dwar it-Taxxa tal-Valur Miżjud, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana b'dan javża lill-persuni/kumpaniji msemmija aktar 'l isfel biex imorru l-uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana, Verification and Audit Directorate, 7, Triq Il-Masġar, Ħal Qormi QRM 3217, fi żmien tletin ġurnata minn dan l-avviż sabiex jiġbru l-avviż/i maħruġa fuqhom.

Isem	*Referenza*
Jason Mifsud	519776M
Raise Fields Limited	993952127 C38089
Vincenzo Cocozza u Simona Cocozza	120839A
Custo General Sales LTD	990856534 C6130
R & MV Ltd	997910318 C75412
Għaqda Duminku Mintoff	670240620
Hospitality International Limited	994611116 C44669
Għaqda Kulturali Nazzjonali Maltija AD.2012	670240719
Hackert Engineering Company	997944533 C75717
Faisal Kasem	26888A
Sandro Lo Presti	662093709

It-2 ta' Marzu, 2026

7. Persons in possession of infected trees must ensure that produce harvested from these trees is circulated with no leaves and peduncles.

8. The Food Safety and Security Authority shall survey the areas under contingency measures for a period of up to three (3) years.

9. The Food Safety and Security Authority may issue additional and stricter guidelines as may be required to prevent the spread of this virus.

2nd March, 2026

No. 307

INCOME TAX MANAGEMENT ACT (CAP. 372) AND VALUE ADDED TAX ACT (CAP. 406)

Notice in terms of Article 29 of the Income Tax Management Act, Cap. 372; and Article 73(2) Value Added Tax Act, Cap. 406

IN terms of the proviso to Article 29(1) of the Income Tax Management Act and/or Article 73(2) of the Value Added Tax Act, the Commissioner for Tax and Customs hereby notifies the persons/companies listed hereunder to call at the Verification and Audit Directorate, Office of the Commissioner for Tax and Customs, 7, Triq il-Masġar, Ħal Qormi QRM 3217, within thirty days of this notice to collect the notice/s issued on such persons/companies.

Name	*Reference*
Jason Mifsud	519776M
Raise Fields Limited	993952127 C38089
Vincenzo Cocozza and Simona Cocozza	120839A
Custo General Sales LTD	990856534 C 6130
R & MV Ltd	997910318 C 75412
Għaqda Duminku Mintoff	670240620
Hospitality International Limited	994611116 C44669
Għaqda Kulturali Nazzjonali Maltija AD.2012	670240719
Hackert Engineering Company	997944533 C 75717
Faisal Kasem	26888A
Sandro Lo Presti	662093709

2nd March, 2026

AVVIŻ TAL-QORTI – *COURT NOTICE*

579

ARB/C019/2026 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-6 ta' Frar, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Ingrid Bianco, LLD), Kumpilazzjoni Numru 132/2026, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

ADRIAN MUSCAT, self-employed, ta' 42 sena, iben Mario Muscat u Mary Grace xebba Borg, imwieled Tal-Pietà, Malta, fl-19 ta' Frar, 1983, u residenti f''Sunset View', Triq iliWied, L-Iklin, u /jew 134, April, Flat 2, Triq Santa Marija, Ħaż-Żebbuġ, Malta, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 129983M.

Il-Qorti ORDNAT is-sekwestru ta' kwalunkwe proprjetà li tkun f'idejn partijiet terzi li dwarha jkun hemm raġuni valida sabiex jitwemmen li l-proprjetà hija suġġetta għall-konfiska, u qed iżżomm u tipprojbixxi lill-imputat ADRIAN MUSCAT milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka, jew b'xi mod ieħor ibiddel jew jiddisponi minn dik il-proprjetà u minn proprjetà oħra tiegħu jew li tkun fil-pussess tiegħu sal-limitu ta' miljun ewro (€1,000,000), u dan ai termini tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 23A, fl-Artikolu 36 u fl-Artikolu 5, tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 26 ta' Frar, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għal-Irkupru tal-Assi

ARB/C019/2026 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 6th February, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Ingrid Bianco, LLD), with Compilation Number 132/2026, in the case:

The Republic of Malta

Versus

ADRIAN MUSCAT, self-employed, 42 years, son of Mario Muscat and Mary Grace Muscat née Borg, born in Tal-Pietà, Malta, on the, 19th February, 1983, and residing at Sunset View, Triq il-Wied, Iklin, and /or 134, April, Flat 2, Triq Santa Marija, Ħaż-Żebbuġ, Malta, and holder of Maltese identity card bearing number 129983M.

The Court ORDERED the attachment of any property in the hands of third parties for which there is reasonable cause to believe that the property is subject to confiscation, and is restraining and prohibiting the accused ADRIAN MUSCAT from transferring, pledging, hypothecating, or otherwise changing or disposing of any such property and of such other property owned by him or being in his possession up to the limit of one million euro (€1,000,000), and this in terms of Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta, Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 36, Article 23A and Article 5, referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 26th February, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603